

1
2 Meta titkellem fuq is-sigurtà interna numru ta' drabi l-ħsieb imur fuq
3 il-livell nazzjonali mingħajr ma jitqies dak Ewropew. L-impatt tad-
4 diversi miżuri u sistemi li pajjiżna daħal fihom f'dawn is-snin ftit
5 qed jasal għand il-poplu. F'mument naħtu aħna fil-politika li ma
6 narawx biżżejjed li l-informazzjoni dwar dawn il-passi tasal fid-djar
7 tal-elettorat tagħna. Għax ir-realtà hi li hemm limitazzjonijiet varji
8 li jżommuna milli nagħmlu dan. Prinċipalment il-fatt li l-għurnalisti
9 għustament iħossu li aħbar għaddiet mill-importanza appena jgħaddu l-24
10 siegħa tradizzjonali u t-tieninett għax il-mentalità tal-avukat hi
11 dejjem li aħbar trid tgħidha darba, ma tirrepetix u fil-qosor mhux
12 fit-tul.

13 Il-linja ta' prinċipju fl-Unjoni Ewropea hi li m'hemmx libertà
14 mingħajr regoli. Għalhekk hemm bżonn li jkun hemm strutturi interni
15 tajba li minn naħa jassiguraw aktar libertà għaċ-ċittadin Ewropew u
16 mill-oħra aktar kontroll u ħidma biex l-organizzazzjonijiet kriminali
17 jittrażżnu u jinżammu. Għandek żewġ movimenti qawwija fis-soċjetà
18 moderna li trid issib bilanċ fihom. L-ewwel, il-fatt li min qiegħed
19 jgħix f'din l-għaqda qed jitlob li jkollu inqas xkiel biex jiċċaqtaq,
20 jaħdem u jaġixxi u t-tieni, fuq in-naħa l-oħra, il-fatt li d-dinja
21 tal-kriminalità organizzata qed tuża b'iktar dożi qawwija t-
22 teknoloġija, it-toroq tal-finanzi u l-Liġi. Hemm xenarju iktar
23 ikkumplikat minn dak li kellna qabel li hemm bżonn li jiġi affrontat,
24 speċjalment fid-delitti marbuta mal-finanzi u 'l hekk imsejħa
25 ċiberkriminalità.

26 Il-prinċipju fl-Unjoni hu bbażat fuq kollaborazzjoni iktar effikaċi u
27 veloċi. Fil-fatt illum pajjiżna qed igawdi minn esperjenza ta' snin
28 twal bejn il-Membri tal-Unjoni f'dan is-settur. Ġewwa din l-għaqda
29 għandna diversi inizjattivi biex tikber il-koperazzjoni bejn il-forzi
30 tal-ordni. Istituzzjonijiet bħall-EUROPOL jew CEPOL u l-użu tas-
31 sistema ta' informazzjoni SIS (Schengen Information System) kabbru dan
32 is-settur. Għandna aktar għodod tajba li permezz tagħhom nistgħu
33 naħdmu f'dan is-settur daqshekk vitali għal kull soċjetà moderna. L-
34 hekk imsejjaħ European Arrest Warrant waħdu sewa u qiegħed ma' kull
35 jum juri kemm irnexxielna nibnu qafas ta' liġijiet Ewropej tajba.
36 Ir-riżultati tal-lum ma ġewx mix-xejn, imma minn snin ta' ħidma fuq
37 livell ta' ministri fil-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Intern u naturalment
38 il-Kummissjoni tal-istess Unjoni. It-tliet linji ġenerali ta'
39 strateġija f'dan il-qasam jiffukaw, l-ewwel fuq l-importanza li jkun
40 hemm rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi li jingħataw fil-kamp
41 kriminali ta' kull Stat; it-tieni, li l-liġijiet tal-Istati Membri
42 fil-kamp tal-proċedura fil-proċessi kriminali jersqu iktar viċin ta'
43 xulxin b'regoli aktar uniformi; u t-tielet, li anke fid-dritt penali
44 sostantiv ikollna dan il-proċess. Dawn huma miri verament ambizzjużi
45 meta wieħed iqis kemm hemm sistemi legali differenti fis-27 membru
46 tal-Unjoni: biss iservu bħala linji ta' gwida. Boxxli ċari ta'
47 direzzjoni li għandna nidħlu għalihom.

48
49 Il-kunċett tas-sigurtà fl-Unjoni Ewropea, Carmelo Mifsud Bonnici,
50 Illum 07 June 2009